MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 510/2003

**Raymond Borg**

**vs**

**Miriam Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-22 ta' Gunju 1986, mil-liema zwieg twieldet il-minuri Deborah li llum ghandha sittax-il sena;

Illi il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g)** u/ jew **(d)** u/ jew **(f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwiegijiet**;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez u l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 4;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat ir-rikors datat 18 ta’ Lulju 2003, fejn l-esponent talab umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara l-provi tal-partijiet bhala konkluzi u thalli l-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2003.

Rat id-digriet ta’ 18 ta’ Lulju 2003 fejn it-talba giet michuda stante li l-konvenuta kienet ghadha mhux notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza;

Rat in-nota ta’ Miriam Borg datata 21 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha u dak ta’ Carmen Azzopardi;

Rat in-nota ta’ Miriam Borg datata 22 ta’ Awissu 2003 li permezz taghha tat ruhha bhala notifikata bic-citazzjoni fl-ismijiet premessi u bl-appuntament tal-kawza;

Rat ir-rikors tal-1 ta' Settembru 2003, fejn l-esponenti talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2003 tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-digriet tad-9 ta' Settembru 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbal datat 4 ta' Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu, **l-attur, Raymond Borg** jghid:-

*"Illi jiena l-kbir fost hamest ahwa u l-uniku tifel fil-familja. Missieri miet ta' 51 sena meta jien kelli 14 il sena u ohti z-zghira kellha sena u tlett xhur. Ommi rabbitna wehidha b'certu impenn ghalhekk tistenna li hi kellha certu pussess fuq uliedha. Ommi u missieri ma kienux jafu skola. Huma kienu jghixu l-hajja Maltija l'antika - r-ragel ghax-xoghol u l-mara tiehu hsieb lit-tfal u d-dar. Ghalkernm kienu nies ta' qalbhom tajba, ahna l-ulied qatt ma rajniehom juru lejn xulxin certu intimita' bhal tghannieq, bews, karizzi u komplimenti".*

*"Illi meta kont zghir, jiena kont imqareb hafna u mhux l-ewwel darba li qlajt xi xebgha minghand ommi. Meta kelli madwar 10 snin, iddecidejt li nibda niehu l-hajja bis-serjeta' u bdejt nistudja. L-istudju kont inqisu bhalu delizzju u mhux xi haga ta' bil-fors. Jiena ghamilt zmien abbati u kont immur ukoll il-M.U.S.E.U.M. Ma kelliex hafna hbieb hlief fis-Sixth Form";*

*"Illi il-genituri tieghi xtaquni nsir qassis. Ghall-ewwel jien kelli din il-hajra wkoll izda mbaghad xtaqt insir perit. Meta mbaghad missieri miet b'kancer fil-pulmun, jien biddilt fhemti u ridt insir tabib. Ghalhekk peress li fl-iskola*

*sekondarja fejn kont, ma kelliex is-suggetti tal-kimika u tal-biologija, jien kelli nistudja dawn is-suggetti bil-privat";*

*"Illi jiena ltaqt ma' Miriam Azzopardi (ID 632960M), il-mara futura tieghi f'Settembru 1979 go disco. Jien kelli 20 sena u hi kellha 19. Hi kienet tahdem bhala machine operator go fabbrika tat-tessuti u jien kont ghadni kemm spiccajt is-Sixth Form u kont se nibda l-kors tal-Medicina";*

*"Illi konna ilna nafu lil xulxin madwar sitt snin u nofs qabel izzewwigna ta' malajr, izda ma konniex niltaqghu ta' spiss hlief is-Sibt jew il-Hadd u gieli xejn, peress li jiena kien ikolli xi ezami tal-medicina. Nammetti li f'dan il-perjodu jien aktar kien ikolli mohh l-istudju milli t-tfajla tieghi ghax kont nghid li l-ewwel ghandi nahseb fil-karriera mbaghad f'affarijiet ohra.  Dan kellu l-konsegwenza li ahna ma skoprejniex u ma drajniex il-karattru u l-temperament ta' xulxin";*

*"Illi meta mbaghad jien ilhaqt tabib fil-1985, ahna konna nohorgu madwar darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha biss, peress li kont nahdem l-isptar San Luqa bix-xift u peress li dik il-habta (l-ewwel sena li ilhaqt tabib), jien bqajt nistudja biex nipprova nispeccjalizza f'xi haga tal-medicina";*

*"Illi ghall-habta ta' Dicembru 1985, jien kont kellimt lil omm Miriam u ghidtilha li ahna xtaqna nizzewgu, izda ommha qaltli li Liliana (oht il-kbira ta' Miriam), kienet se tizzewweg f'April ta' 1987 u ghalhekk ahna konna ghamilna data ghat-tieg taghna ghal Awissu 1987. F'dan iz-zmien ukoll, Miriam kellha l-idea (zbaljata) li peress li jien kont il-kbir fost huti fil-familja, ommi riditni nohrog l-ewwel mid-dar biex nizzewweg, biex inkun nista' ntella' lill-huti fuq l-artal meta dawn jizzewwgu. Ghalija ma kenitx taghmel differenza jekk jien nizzewweg l-ewwel jew l-ahhar fost huh l-bniet — ma kontx nemmen f'dawn il-hmerijiet, pero' Miriam u l-familja taghha kienu ffissati b'dawn it-tip la' idejat.  Xorta jien kelli ntellahom fuq l-artal meta dawn jizzewgu ghax missieri kien mejjet u jien kont l-uniku tifel fil-familja. Kien ghalhekk li meta Miriam harget tqila, Miriam u anki ommha kellhom d-deluzzjoni li jien hrigt lil Miriam tqila att ta' apposta b'pika biex jien nizzewweg*

*qabel huti u qabel ohtha!! Miriam tammetti li hi kellha rabja kbira (biex ma nghidx mibgheda wkoll) ghalija qabel iz-zwieg, u din kienet wahda mir-ragunijiet. Element ta' paranoia ghalija kien hemm ukoll";*

*"Illi f'dan iz-zrnien Miriam kellha l-ideja zbaljata wkoll li ommi riditni nizzewweg tabiba u mhux lilha. Ommi tixhdu dan u dejjem kienet tghid li hi kellha pjacir b'Miriam".*

*"Illi f'April 1986, skoprejna li Miriam kienet qed tistenna tarbija minni. Inqala' paniku kbir kemm min-naha tal-familja tieghi u aktar min-naha tal-familja taghha. Hadd ma kien qed jistenna din l-ahbar, lanqas jien stess";*

*"Illi kien hemm xi argumenti bejn il-familji. Miriam u ommha ma ridux juru liIl-missier Miriam (Carmelo Azzopardi) li ahna kien se jkollna tarbija qabel iz-zwieg peress li hu kien jinkwieta hafna mix-xejn u l-iktar peress li fil-passat hu kellu puplesija li hallietu ma jitkellimx, b'attakki tal-qalb u sahansitra kien spicca l-ITU wara li kellu cardiac arrest. Kien ibati wkoll bil-pressjoni gholja. Miriam u ommha kellhom biza' kbir li jekk missierha jiskopri l-verita', kien se jispicca b'xi attakk ta' qalb jew puplesija ohra. Avolja missier Miriam ma kienx jitkellem, xorta wahda kellu poter assolut fuq il-familja tieghu u meta xi haga ma kinitx iddoqq ghall-widnejh, hu kien jibda jirrabja, jghajjat u jsemma lill-girien, wiccu jibda jihmar u jibda jsabbat. Allura kulhadd kien jiskot u jiprova jtih ragun, avolja ma kienx ikollu, ghax ahna konna nibzghu li jekk se nkomplu nipruvaw niehdu ragun ahna, kienet se tinqatghalu xi arterja minn rasu jew itih xi attakk ta' qalb iehor. 0mm Miriam ukoll riditna nizzewgu malajr biex missier Miriam ma jinduna b 'xejn";*

*"Illi ahna lil missierha gibnielu l-iskuza li se nizzewgu ta' malajr peress li jiena u Miriam konna se nsiefru l-Ingilterra biex nispeccjalizza. Safrattant, missier Miriam baqa' sakemm miet (Ottubru 2000) ma skopriex li ahna kellna tarbija qabel iz-zwieg";*

*"Illi qabel izzewwigna, Miriam kienet qaltli hi marret ma' ommha ghand ommi, u meta ommha qalet lil ommi*

*“x’bicca gratilna”, ommi wegbitha “ghax qghaditlu?” (ommi kienet qed tirrefeni ghal Miriam). Minn dakinhar ‘l quddiem din il-frazi baqghet imwahhla f’qalb Miriam bil-konsegwenza li r-relazzjoni bejn Miriam u ommi u specjalment bejnha u bejni inbidlet drastikament. Saret tobghod lil ommi ghal xejn b’xejn. Bdiet tahseb hazin fiha. Lili bdiet tehodni bi-herra u tghajjarni”;*

*“Illi jiena hsibt li din kienet biss siegha hazina ghal Miriam u hi kienet se tghaddi minnha wara li nizzewgu u jkollna t-tarbija, izda l-affarijiet baqghu sejrin ghall-aghar minn meta harget tqila”;*

*“Illi zzewwigna ta’ malajr f’Gunju 1986. Il-hin tat-tieg taghna gie manipulat minn terzi persuni, peress li ahna konna ghidna lill John’s Garage (karozzi tat-tieg) li se nizzewgu filghodu, izda peress Ii Liliana (oht Miriam) dakinhar stess filghodu kellha tieg tal-habiba taghha, ahna kellna nerghu mmorru ghand John’s Garage u nghidulu li t-tieg kien gie pospost ghal fil-ghaxija. Il-libsa tat-tieg ta’ Miriam konna issellifnieha ghax ma kellniex mezzi finanzjarji biex nixtru wahda gdida. Ghall-qamar il-ghasel, ma konniex sifirna izda konna morna Ghawdex ghal erbat ijiem biss”;*

*“Illi wara li zzewwigna, jien kelli x-xewqa li nkompli nistudja biex nispeccjalizza f‘xi branka tal-medicina. Ghalhekk wara x-xoghol jien kont nistudja d-dar, izda Miriam ma kinetx tiehu gost b’dan u kienet tghidli li jien iktar mohhni fil-kotba milli fiha. Peress Ii hija kontinwament kienet tohloq incidenti biex twaqqafni mill-istudji tieghi, jien ma kelliex tniq ohra hlief li nabbanduna l-istudju”;*

*“Illi fiz-zwieg taghna, ahna ma konniex nidjalogaw, l-ewwel l‘ghaliex ahna kellna livell differenti ta’ edukazzjoni u t-tieni ‘l ghaliex ahna kellna karattri differenti minn xulxin u peress li hi kienet dejjem iddahhal lil ommi (ez. “dik il-qahba ommok) fln-nofs. Jien kont inzomm sieket u ma kontx nirrispondiha u kont inhalliha tirrabja u tghid fuq ommi, izda minn gewwa jien bdejt nitkisser u nitmermer. Il-moral beda jaqali. Kont niehu qatgha meta nkun sejjer*

*lura id-dar mix-xoghol. Ma bdejtx niehu gost nohrog maghha u kont nippreferi mmur norqod il-Hadd wara nofsinhar milli nohrog maghha";*

*"Illi niftakar darba il-Hadd, Miriam bdiet targumenta bhas-soltu fuq ix-xejn. Jien ghidtilha biex ma ssajjar xejn u mmorru nieklu ghand il-Bobby Land go Had-Dingli. Dakinhar, l-ikel nizilli valenu ghax gor-restaurant hi ma kellmitniex u bdejt inhossni nbarazzat nara lill-klijenti ohra jitkellmu u jiehdu gost u ahna konna qisna blokka silg";*

*"Illi it-tqala mhux mistennija qabel iz-zwieg ikkawzat tensjoni u depressjoni f'Miriam. Nemmen ukoll li hi ghandha wkoll xi tip ta' 'paranoid personality disorder' (DSM- IV 301.0) peress li dak kollu li ghandu x'jaqsam mieghi jew mal-familja tieghi, kien hazin f'ghajnejha. Tant kellha paranoia lejn ommi li ghamlet zmien iggorr gol-handbag taghha sikkina halli jekk tiltaqgha ma' ommi, minn jaf x'kien jigri. Miriam kellha d-deluzzjoni li jien naghmel u nobdi kull ma tghidli ommi u li jien ma nismax minnha (i.e. minn Miriam). Fil-fatt hi kienet tghajjarni "qisek il-pastizz t'ommok ". Issa jien matul iz-zmien li kont nghix maghha, ma tantx kont immur wisq ghand ommi. Kont immur medja ta' tlett jew erba' darbiet fix-xahar, nhar ta' Hadd meta ma nkunx xoghol. U ma kontx incempillha. Anzi, meta Miriam ma baqghatx tmur iktar ghand ommi, jien ghamilt xhur lanqas biss kont nersaq ghand ommi biex lil din ta' l-ahhar ma nurijiex li Miriam ma tridx tmur iktar ghandha. Lil ommi kont ingibilha xi skuza 'l ghaliex ma kontx sejjer inzurha. Huti kienu jghidu li dik il-habta, ohti li tghix il-Germanja kienet tara lil ommi aktar minni";*

*"Illi Miriam trabbiet go familja fejn il-karizzi u l-kumplimenti kienu presenti b'mod intensiv. Miriam kienet ukoll thobb tigi mfissda forsi peress li kienet l-izghar minn fost zewgt ulied. Kif ga ghidt qabel, jiena min-naha tieghi qatt ma rajt dawn l-affarijiet mill-familja tieghi. In-nuqqas ta' karizzi u kumplimenti min-naha tieghi lejha, kienu jirritawha hafna lil Miriam. Hi kienet ukoll thobb min ifissidha. Hi stess tghid li kulhadd ihobbu l-fsied. Fil-fatt, jien kont ninnota li gieli meta konna mmorru ghand il-genituri taghha, hi kienet tmur fuq missierha u toqghod tittantah u tghidlu "Papizu" u*

*kienet ukoll tibdel lehinha ghal dak ta' tifla u tibda titkellem bil-fsied mieghu. F'kelma ohra, il-fsied kienet thobbu hafna. Hi kienet migbuda hafna lejn missierha, iktar minn ommha. Jien nabseb li Miriam fija kienet tara dak kollu li ma ghandu x'jaqsam xejn ma missierha u ghalhekk hi kienet ittini mill-aghar";*

*"Illi t-temperament tieghi hu li jien nissaporti hafna u ma nhobbx nargumenta u ma nzommx f'qalbi. It-temperament ta' Miriam hu wiehed impulsiv. Hi ghandha Affective Immaturity, fis-sens li ma ghandiex kontroll fuq l-emozzjonijiet taghha. Hija bniedma li ma tinsiex malajr u zzomm f'qalbha. Hi perfezzjonista u taghha biss tajjeb. Hi tinkwieta fuq affarijiet zghar (kif kien jaghmel missierha), per ezempju, jekk ma kontx nixxotta l-kamra tal-banju wara li ninhasel, hi kienet taghmel xenata. Meta darba indirizzajt lil ommha bhala "ommok" u mhux "il-mummy", riedet tiblani. Skond hi, jien kont il-kagun tat-tenzjoni kbira li kellha. Skond ommha, Miriam qatt ma kienet tenzjuza meta kienet tghix fid-dar ta' ommha. Kienet taghmilli affarijiet li ma jitwemmnux - tahbili xi affarijiet personali tieghi bhan-nuccali tal-vista. Darba sakkritni gewwa u ma hallitniex immur ghand ommi! Meta kienet tirrabja mieghi, Miriam kienet tintilef u tibda' toffendini u mhux l-ewwel darba li kienet titkellem baxx quddiem it-tifla. Mhux l-ewwel darba li xejret xi sikkina lejja. Hi kienet ukoll taghtini b'idejha u bis-sieq. It-tifla kienet titwerwer tarana niggieldu";*

*"Illi Miriam kellha wkoll Adjustment Disorder with Mixed Disturbance of Emotions and Conduct (DSM-1V 309.4). Fil-fatt hi kienet tagixxi b'mod esagerat ghal stresses, ezempju meta bdilna d-dar, qabditha tenzjoni kbira. Waqt li konna ghadna nghixu flimkien hadet drug overdose ghax qalet li ddejqet tghix mieghi. Meta mbaghad sseparajna, kellha zewgt episodji ohra ta' drug overdose, din id-darba ghax riedet nerghu nirrangaw u xtaqet nergghu nghixu flimkien";*

*"Illi ftit snin qabel isseparajna, Miriam ma baqitx tmur aktar izzur lil ommi. Ghall-bidu kont immur jiena biss ghand ommi ghax hi ma riditx li t-tifla tmur ghand ommi, izda*

*wara flit xhur, jien ghamilt l-almu tieghi biex it-tifla tithalla tara lil ommi wkoll. Jiena xorta wahda bqajt immur nara lill-genituri taghha, avolja hi ma kinetx taghmel l-istess ma' ommi";*

*"Illi ir-relazzjoni tieghi mal-familja taghha, jigifieri ma' ommha, missierha, ohtha u u-ragel ta' ohtha, kienet tajba hafna. Jien lil ommha kont, ghadni u nibqa' nirrispettha ghax hija mara edukata, onesta u gusta fis-sens li meta jien kien ikolli ragun fuq xi kwistjoni mal-mara (u dan kien ikun hafna drabi), hi kienet taghtini r-ragun u zzomm mieghi u mhux ma' bintha. Sahansitra, Miriam kienet tghid lil ommha li hi dejjem mieghi zzomm u mhux maghha";*

*"Illi Miriam ma riditx aktar tfal. Ir-raguni principali li kienet iggib hi li hi kienet tibza' mit-tfal fuq dak li kien gralha (hi kellha tarbija qabel iz-zwieg). Izda jien nemmen li l-istress tal-familja bit-tfal kien ikun stress enormi ghaliha. Fil-fatt, jiena kont niehu hsieb lit-tifla akkademikament, u meta t-tifla kien ikollha xi test/ezami, u hi kienet tarana nistudjaw u naghmlu r-revision flimkien, Miriam kienet tkun nervuza aktar mis-soltu. Mhux l-ewwel darba li hi kienet tghid li tippreferi tghix go kamra wehidha biex "la tara u lanqas tisma". Ma neskludiex il-fatt li Miriam ma riditx aktar tfal bhala att ta' vendikazzjoni lejja, ghax hi kienet taf li jien kont xtaqt li jkollna aktar tfal";*

*"Illi ahna sseparajna wara tlettax-il sena ta' zwieg flimkien (fl-05-07-99). F'Lulju 2003 se nghalqu erba' snin separati. Fil-kuntratt tas-separazzjoni (Bonarja), kien miftiehem li ahna jkollna l-joint custody ta' l-unika tifla li ghandna. Izda fil-fatt, it-tifla aktar tqatta' hin ghandi milli ghand Miriam. It-tifla tmur ghand ommha biss is-Sibt wara nofsinhar sal-Hadd filghaxija. Wahda mir-ragunijiet ghal dan hi minhabba l-iskola — jien niehu hsieb lit-tifla rigward l-istudju ta' l-iskola, jien nattendi laqghat ta' l-iskola u mmur il-parents day u hu iktar facli ghat-tifla biex tigi lura d-dar mill-iskola l-Mosta (id-dar tieghi) milli Bugibba (id-dar taghha). Izda ghalkemm it-tifla tidher li hi aktar migbuda lejn ommha milli lejja, il-fatt hu li fil-vaganzi (sajf, Mihied, Ghid ecc.), generalment hi xorta wahda tqatta' l-istess*

*zmien ghandi daqs li kieku qedgha waqt iz-zmien ta' l-iskola u rari ferm tmur aktar spiss ghand ommha";*

*"Illi nametti li jien ma nistax nghid li jien il-missier ideali. Ma kontx inhobb niccajta mat-tifla meta din kienet zghira u mohni kien iktar fl-istudju taghha. Ir-raguni ta' dan hija parti minhabba li l-karattru tieghi huwa introvert u missieri qatt ma kien jiccajta maghna, u parti minhabba l-fatt li peress li r-relazzjoni ta' bejni u l-mara kienet hafna drabi tkun hazina, jien ma kienx ikolli hegga biex niccajta mat-tifla";*

*"Illi kif ga ghidt, jiena introvert (bhal Miriam). Meta kien ikolli xi problema, din kont inzommha ghalija u ma kontx niftah qalbi ma' Miriam. Dan 'l ghaliex li flok tikkonslani, hi kienet tibda tghajjarni u tibda ddahhal l-ommi fin-nofs ghal xejn b'xejn. Jiena tip ta' bniedem li nzomm fija (nahbi l-emozzjonijiet tieghi) u ma nirribehlax. Idejquni l-ghajjat, t-tisbiet, il-piki u l-argumenti. Izda ghandi haga li jekk xi hadd jibda jtini mill-aghar (fizikament u psikologikament), jien nibda nistakka minnu/ha ftit ftit sakemm id-distakk ikun tant kbir li ma nibqa' nhoss xejn emozzjoni lejn din il-persuna. Hekk grali jien lejn marti Miriam, ghalkemm nistqarr li l-idea tas-separazzjoni u biex "inqattghu l-karti" u mmorru ghand avukat, kienet taghha u mhux tieghi. Dan jispjega r-raguni li Miriam tghid li hi kienet imdejqa minni ghax jien ma kontx naghti kasha u ma kontx ntiha kumplimenti. Kif jista' wiehed jaghti kas ta' min itih mill-aghar kwazi l-hin kollu, sakemm ta' l-ewwel ma jkunx rnazokista !?".*

*"Illi l-hajja sesswali ha' bejnietna ma kinitx tajba. L-ewwelnett hi kienet tibza' mit-tfal (meta xi drabi kien ikollna sex bejnietna u l-period kien jittardja xi ftit, miskin jien!). It-tieni peress li r-relazzjoni ta' bejnietna kienet imxellfa (principalment minhabba kwistjonijiet zghar hi kienet taqla' hi stess), allura bridna minn xulxin. It-tielet jien nemmen li Miriam kienet tuza s-sess bhala arma kontrija fis-sens biex tarani nbati. Fil-fatt kienet tghidli diskors bhal: "Jien daqshekk paxxejtek", "jien daqshekk ………" "jien daqshekk qdejtek", "jien daqshekk ……….".*

*Hi kienet tghidli biex immur insib lil xi haddiehor biex jaqdini sesswalment";*

*"Illi biex nikkonkludi, jien nemmen li d-destin ghamel zball kbir li laqqa' lili u lil marti flimkien, minhabba karattri totalment differenti - Jien inzomm il-kalma, ma nzommx f'qalbi, nissaporti, kollox jghaddi ghalija. Miriam hija impulsiva, ghandha mmaturitra' affettiva, zzomm f'qalbha u ma tinsiex, perfezzjonista u taghha biss tajjeb u trid kollox ezatt, u xi daqqiet aggressiva wkoll";*

*"Illi livell differenti ta' edukazzjoni — Jien livell terzjarju u hi sekondarju u ma kinitx thobb l-iskola. Fil-fatt ma ghandhiex certifikati tal-0 Level. Dan kien jikkaguna li ma tantx konna nsibu fuq x'hiex nitkellmu bejnietna. Fil-fatt, jien iktar kont niehu gosh nitkellem u nirraguna ma' ommha milli ma' marti!!".*

*"Illi Miriam ghandha tip ta' personalita' li tehtieg attenzjoni specjali, kumplimenti u karizzi kontinwi, u thobb titfissed, ghax inkella jekk ma tirceviex dawn l-affarijiet, tirrabja u tithawwad. Sfortunatament, jien sew bhala karattru u sew biex xoghol impenjattiv li ghandi bhala tabib, qatt ma ha nkun kapaci nikkuntentha f'dan ir-rigward";*

*"Illi jien nemmen li Miriam ma kinitx preparata li tizzewweg tabib. Kienet thares lejn il-karriera tieghi bhala status symbol u ma kelliex il-maturita' biex tifhem li xoghol ta' tabib huwa vokazzjoni u dedikazzjoni li jirrekjedi hafna sagrificcji."*

Illi gew prezentata wkoll zewg xhieda ohra, wahda ta' omm l-attur **Maria Borg** li ddiskriviet lil-binha bhla bniedem studjuz u kien ihobb l-affarijiet relgjuzi tant li ghall-ewwel hasbithu li ser issir qassis, izda mal-mewt ta' missierhu qal li xtaq issir tabib; iltaqa' mal-konvenuta meta kien is-*sixth form* pero' l-hrug taghhom ma kienx spiss peress li l-attur kien jippreferi li joqghod jistudja; biz-zmien l-konvenuta bdiet taghmel pressjoni sabiex jizzewwgu, tant li anke ommha kienet cemplitilha u fil-fatt kienu xtraw dar il-Mosta u ffissaw id-data tat-tieg ghall xi tlett snin wara.

Illi meta l-attur lahaq tabib l-kontendenti bdew jaraw lill xulxin aktar spiss izda sena wara harget tqila l-konvenuta u x-xhud insistiet li kellhom jizzewwgu; anke ommha kienet insistiet dwar dan u meta hadditha kontra binha x-xhud irrispondiet li bintha kienet accettat li jkollha x'taqsam ma; binha. Ix-xhud tghid li minhabba f'hekk l-attitudini tal-konvenuta lejah tbidlet u uriet li ma kellhiex pjacir biha.

Illi skond l-istess xhud fit-tieg kien hemm tensjoni anke peress li hija tghid li l-qassis li zewwg lill-kontendenti, li kien jigi iz-ziju tal-konvenuta lanqas biss kien kellimha u wara t-tieg ftit li xejn kienet marret ghandha. Minhabba f'hekk ma kienitx taf li kien hemm l-inkwiet bejniethom u dan saret biss tafu zmien wara meta llatikaw bejniethom quddiemha. Qalet li kienet l-isptar u l-konvenuta ma kienitx marret izurha. L-kontendenti sseparaw xi erba' (4) snin qabel.

Illi oht l-attur **Antoinette Schickler** xehdet ukoll permezz ta' affidavit a fol. 16 tal-process li kkonfermat ix-xhieda ta' ommha li l-attur kien mohhu fl-istudju; taf li l-konvenuta kienet inqabdet tqila qabel it-tieg ghaliex gew biex ikellmu lill-omma dwar l-istess u fil-fatt sar iz-zwieg bejniethom. Ghall-ewwel meta hija kienet tmur id-dar wara t-twelid tat-tarbija hija kienet tara li l-kontendenti kienu bhala familja normali; izda wara l-konvenuta kienet qaltilha li kienet tobghod lill-attur ghaliex kien harigha tqila u riedet li tghix separatament minnu; l-istess sentimenti kienet turi lejn hut l-attur u ommu. Ix-xhud issostni li l-konvenuta qalet li kienet lesta taghmel minn kollox biex ma tkomplix tghix mal-attur.

Illi l-**konvenuta** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena zzewwigt lil Raymond Borg fit-22 ta' Gunju, 1986. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda Deborah li llum ghandha sittax-il sena. It-tifla twieldet fil-25 ta' Novembru, 1986."*

*“Illi jiena u Ray iltqajtna meta jiena kelli dsatax-il sena u dan kien fl-1979. Ahna konna niltaqghu biss darba f’gimgha peress li Ray kien qed jistudja ghal tabib. Ahna bqajna niltaqghu darba f’gimgha kwazi tul l-gherusija kollha. Jiena ma kontx niehu gost b’din is-sitwazzjoni peress li kont qed inqatta’ kwazi l-gimgha kollha gewwa, hlief ghal ftit sieghat. Dak iz-zmien jiena kont nahdem machine operator go fabbrika, u hajti kienet mix-xoghol ghad-dar u mid-dar ghax-xoghol.”*

*“Illi jiena ta’ spiss kont niggieled ma’ Ray dwar din is-sitwazzjoni. Fl-istess perjodu li jiena u Ray konna gharrajjes, ohti kienet gharusa lil Patrick Cassar, li kien qed jistudja ghal business management. Patrick u ohti kienu jiltagghu kwazi kuljum u sahansitra kien jigi ta’ spiss id-dar tal-genituri tieghi. Jiena ma stajtx nifhem ghalfejn l-gharus t’ohti kien dejjem jiltaqa’ maghha, mentri ghal Ray l-istudju jew is-sodda kien jigi qabli. Kemm-il darba kont incempel lil Ray fit-8.30 p.m. u kont nitolbu jigi jiltaqa’ mieghi, pero’ hukien ighidli li sejjer jorqod biex iqum kmieni halli jistudja. Il-famiija tieghi kienu jarawni kwazi dejjem bid-dwejjaq. Ghalkemm jiena kont imdejjqa f’din is-sitwazzjoni ma xtaqtx nithaq lil Ray peress li jiena dak iz-zmien kont inhobbu. Fil-fatt ommi kemm-il darba ppruvat tiftahli ghajnejja li jiena u Ray m’ahniex maghmulin ghal xulxin peress li kellna karattri differenti, pero’ jiena qatt ma tajt kasha.”*

*“Anke f’dak li jirrigwarda karezzi u zeghil, Ray kien nieqes minn dan kollu. Biex jaghtini rigal, kien jaghti l-flus lill ohtu u kienet tixtrili xi haga hi. Generalment ir-rigali kienu jkunu affarijiet ghad-dar u mhux ghalija personali. Jiena kien jiddispjacini ferm ghal dan, peress li Ray qatt ma wera interess partikolari fija. Ahna ma djalogajna bejnietna, tant li fil-ftit hin li konna niltaqghu qatt ma tkellimna dwar il-futur taghna flimkien. Ray kien ighidli li ma jhobbx jitkellem mieghi peress li f’certi affarijiet kellna opinjonijiet kompletament differenti. Kien ghalhekk li l-hrug taghna generalment kien f’xi cinema jew niehdu drink jew passigata. Pero’ kliem bejnietna kien ikun mill-anqas. Da parti tieghu Ray ma tantx kien jitkellem u jiena wkoll m’iniex kapaci naqbad konversazzjoni mix-xejn. Nghid*

*ukoll li ghalkemm Ray kien iffissat fl-istudju tieghu u fil-medicina, ahna rari konna nitkellmu dwar dan bejnietna. Wahda mill-ftit drabi li niftakar li tkellimna dwar dan kien meta Ray mar l-ewwel darba fil-kamra mortwarja. Jiena m'iniex tabiba u ghalhekk ma nifhimx fil-medicini, u wisq probabbli kien ghalhekk li ma tantx konna nitkellmu dwar dan is-suggett."*

*"Illi aktar ma beda jghaddi z-zmien jiena aktar beda jiddispjacini ghal fatt li ma konniex niltaqghu. Kont nara li shabi fuq ix-xoghol jibqghu sejrin ghand l-gharrajjes taghhom, pero' jiena qatt ma kont immur ghand ommu. Kont immur biss meta kienet tistidinni fil-festi. Ovvjament ma kontx ser immur minghajr ma jghiduli Ray jew ommu."*

*"Illi wara li lahaq tabib zdidna ftit fil-granet tal-hrug, pero' ghalija dan ma ghamilx differenza. Ahna bdejna nfittxu post ghax-xiri. Darba minnhom cempilli Ray u qalli li hu u ommu kienu marru jaraw post u ghogobhom. Huwa qalli li kien gej ghalija biex narah jiena wkoll. Jiena ddispjacini ferm peress li hassejt li jiena kelli mmur nara l-post l-ewwel u mhux ommu. Il-post kellu joghgob lili u mhux lill-ommu. Nispjega li omm Ray hija mara li thobb tikkmanda specjalment lill-uliedha. Hija kienet il-kap tal-familja. Konna xtrajna din id-dar u bdejna nahsbu biex nizzewwgu. Ghalkemm bdejna nippreparaw bil-mod ghat-tieg, ahna xorta wahda qatt ma tkellimna dwar il-futur taghna. 0mm Raymond riedet li binha l-kbir jizzewweg l-ewwel minn hutu. Pero' kien hemm wahda minn hutu kienet ser tizzewweg f'Dicembru, 1986 u ahna ppjanajna li nizzewwgu f'Awwissu, 1987 u cioe' erba' xhur wara z-zwieg t'ohti."*

*"Illi nghid li wara xi tlett snin li jiena u Ray bdejna niltaqghu, jiena u Ray beda jkollna relazzjonijiet intimi. Da parti tieghi jiena kont nibza hafna li ser ninqabad tqila, pero' Ray kien jassigurani li hu ser joqghod attent u ma kien ser jigri xejn. Darba minnhom pero' jiena nqbadt tqila. Minhabba din it-tqala ahna kellna nizzewwgu f'Gunju, 1986 qabel kulhadd. Jiena din hadtha bi kbira ferm u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett hassejt li Ray kien tradini ghax hu weghdni li m'hu ser jigri xejn. It-tieni*

*hassejt li din saret b'vendikazzjoni biex jizzewweg qabel kulhadd kif qalet ommu. U t-tielet jiena nkwetajt ferm minhabba l-familja tieghi, specjalment minhabba missieri li kien marid u bzajt li noqtlu bil-inkwiet. Fil-fatt sakemm miet qatt ma ghidnilu li jiena zzewwigt tqila."*

*"Illi minhabba f'hekk jiena qabditni depression kbira u spiccajt umbrajtu lil Ray. Meta tlajna fuq l-artal jien rabbja kbira ghalih u hassejt li rrovinani. Bqajt b'din id-depression matul il-hajja tieghi kollha mizzewwga. Spiccajt mort tlett darbiet ghand psikjatra u sahansitra hadt kura ghal din id-depression. Mhux biss izda lil Ray ma stajtx inhobbu kif kont inhobbu qabel inqbadt tqila."*

*"Illi s-sitwazzjoni aggravat meta zzewwigna peress li hu kien dejjem mohhu fil-qari, jiena kont noqghod isfel filwaqt li hu joqghod fuq, ma kienx jati kasi ghalkemm kont tqila, u mal-ewwel indunajt bl-izball li ghamilt. Jiena rrejalizzajt li Ray ma kienx ihobbni bizzejjed jew li hu ma kienx qed jaghtini l-imhabba li kont nistenna minghand zewgi."*

*"Illi minhabba f'hekk jiena u Ray ghexna hajja ta' nfern. Issoportejna lil xulxin minhabba t-tifla. Jiena mall-ewwel ghidtlu li ma riedx ikolli aktar tfal peress li bqajt inhossni bezaghna. Jiena minn x'hin inqbadt tqila sal-lum bqajt ma nistax nafdah lil Ray. Nispjega li Ray mhux biss kien jinjora lili, izda kien jinjora lit-tifla wkoll. Hajtu kienet biss xoghol, dar, studju u rqad. Kien ghalhekk li wara xi snin ahna sseparajna."*

Illi giet prezentata wkoll ix-xhieda ta' omm l-konvenuta **Carmen Azzopardi** liema xhieda giet pprezentata permezz tal-procedura tal-affidavit.

**i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-azzjoni attrici hija bbazat fuq dak li jiddipsoni l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**. L-**artikolu (1) (g)** jidher li huwa msemmi bi zball kif hafna drabi gara f'citazzjonijiet pprezentati mid-difensur tal-attur.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or*

*carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta'

Mejju,1995); "**Theresa Mangion vs Keith Mangion**" (P.A. (RCP) 30 ta' Dicembru 2002 Cit Nru: 356/01/RCP).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" –** ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens*

*matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A. 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,* "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del*

*matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3)** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi

ipotizzabbli biss fil-prezenza ta’ anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` “*di intendere e/o di volere*”. “*L’ incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*”, jghid il-***Bersini***, “*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell’ ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*” (op. Cit., p. 99).

Illi ta’ l-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000) u **“Anna Galea vs John Walsh”**, (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f’diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **“Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri”** (P.A. (RCP) 17 ta’ Frar 2000); **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (P.A. (RCP) 9 ta’ Marzu 2000); **“Ousama Sadalah vs Doris Tanti”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000); **“Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001**); “Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Marzu 2002); **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002); **“Marco Tanti vs Catherine Azzopardi”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002); **u “Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

**Artikolu 19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tordna korrezzjoni fl-ewwel paragrafu tac-citazzjoni attrici fejn id-data taz-zwieg bejn il-kontendenti kif jidher mic-certifikat taz-zwieg ghandha taqra 22 ta''Gunju 1996 u mhux 22 ta' Gunju 1995 kif gie indikat erronjament.

Illi ghall dak li huma l-fattispecie tal-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi fuq estensivament riprodotti iktar il-fuq li l-partijiet ghazlu d-data tat-tieg taghhom b'mod anticipat minn dak li kellhom ippjanat proprju ghaliex l-istess konvenuta harget tqila qabel iz-zwieg, u minhabba dan huma hassew li ma kellhomx triq ohra hlief li jizzewwgu, anke peress li f'dan il-kaz kien hemm pressjoni sew mill-genituri tal-kontendenti, li haduha bhala skontata li l-istess partijiet kellhom minhabba f'hekk jinghaqdu biz-zwieg, ovvjament kemm sabiex it-tarbija titwieled fiz-zwieg u kif ukolll ghal ghidut tan-nies. Haga li spiss kienet tigri u ghadda tigri.

Illi pero’ f’dan il-kaz partikolari jidher li kien hemm cirkostanzi ohra li jaffettaw il-validita’ ta’ dan iz-zwieg, u dan peress li min-naha tal-attur dan jidher li ftit li xejn kien migbud b’mod vera lejn l-konvenuta, u dan peress li jidher li kien mhux biss mitfugh wisq fuq l-istudji tieghu, (haga li hija normali meta wiehed ikun qed jistudja fl-livell terzjarju) izda peress li baqa’ b’mod esegerat attakkat ma’ dak li tghidlu ommhu; mhux ta’ importanza sa certu punt l-allegazzjoni tal-attur li huwa ftit li xejn kien imur ghand ommhu waqt iz-zwieg, izda jidher li sa certu punt kien xorta dominat minnha, u l-fatt li l-konvenuta, wara li harget tqila qabel iz-zwieg, kienet tnaffret minn omm l-attur, affetwa negattivament lill-attur, b’dan li l-interess fil-konvenuta jekk kien hemm naqas kwazi ghall-kollox.

Illi ghalkemm ma hemmx dubju li kien hemm inkompatibilita’ ta’ karattru bejn il-partijiet, u l-attur irid jaghti x’jifhem li dan kien dovut ukoll ghall fatt li huwa kien tabib u l-istess konvenuta ma kellhiex l-istess levell ta’ skola, dan huwa kollhu ta’ importanza minima ghad-determinazzjoni ta’ din il-kawza; certament li dan affettwa l-hajja tal-kontendenti flimkien waqt il-konvivenza taghhom, izda dak li huwa importanti ghal kawza ta’ annulament taz-zwieg huwa l-animu li bih l-istess partijiet dahhlu ghall dan iz-zwieg.

Illi fil-fatt il-mument vitali huwa dak tal-kunsens ghall dan iz-zwieg u jidher li f’dan il-mument il-kunsens tal-attur kien vizzjat stante li jidher li ghamel dan il-pass meta u kif sar, biss u unikament peress li l-konvenuta harget tqila u jidher li f'dan il-mument u anke wara l-istess attur halla lill ommu tiddettha hija d-decizjonijiet tieghu, bil-konsegwenza li matul il-konvivenza tal-partijiet ma waqqfu qatt li jdahhlu lill-genituri taghhom fin-nofs. Jidher li l-attur pprova f’din il-kawza wwahhal f’kollox u f’kulhadd minbarra l-agir tieghu innifsu, liema agir, anke kif rakkontat minnu stess jidher li juri sens ta’ immaturita’ gravi, tant li tali nuqqas ta’ maturita’ hija tant kbira li fil-kaz *in ezami* tivvizja l-kunsens tal-attur; dan huwa manifest mill-fatt ukoll li kien huwa li beda’ jkollhu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta qabel iz-zwieg, u biex ghamel dan jidher li accerta lill-konvenuta li ma kienitx b’daqshekk ser tinqabad tqila, haga li affettwat

serjament ukoll il-kondizzjoni tal-konvenuta, mhux biss fizikament izda wkoll psikologikament, kif irrankonta l-istess attur, u kif sostniet l-istess konvenuta innifisha.

Illi min-naha tal-konvenuta jidher li hija ma setghatx taccetta l-fatt li nonostante diversi assikurazzjonijiet mill-attur, hija inqabdet tqila minnu; dan il-fatt l-istess konvenuta tant hadithu bi kbir li affettwa ghall kollox ir-relazzjoni taghha mal-attur, tant li fil-fatt hija uriet avversjoni ghalih, li baqghet tizdied maz-zmien sakemm il-partijiet isseparaw; jidher li minhabba din it-tqala l-istess konvenuta hassitha li kellha tizzewweg, anke peress li ommha jidher li lanqas riedet tikkonsidra xelta ohra, u dan il-pass ghamilithu meta kellha rabja kbira lejn l-attur, u wkoll nonostante l-fatt li kienet gja thossha is-snin li ma kienitx apprezzata mill-attur u ma kienitx tigi l-ewwel mieghu, ghaliex minn dejjem kellhu qabilha l-istudju u x-xoghol, u ghalhekk l-istess konvenuta kienet konvinta li hija qatt ma kellha l-attenzjoni li kienet lilha dovuta.

Illi dan apparti l-fatt, li kif stqarret l-istess konvenuta stess hija kellha f’mohha li hija harget tqila mill-attur b’mod premeditat minnu sabiex huwa jkun l-ewwel wiehed li jizzeweg minn huthu, u f’dan dejjem immaginat li b’xi mod ommu kienet parti minn dan il-pjan, bil-konsegwenza li meta omm l-attur irrispkjat tghid lill-omm il-konvenuta, li kienet l-konvenuta li bhal speci ma rrifjutatx l-avvanzi tal-attur, hija haditha qatta’ bla habel kontra l-istess omm l-attur, u lill-attur innifsu, tant li fl-affidavit taghha uzat kliem iebes bhal per ezempju li tobghod lill-attur, b’riferenza ghall-fatt li skond hija huwa kien ingannaha u gabha f’dik is-sitwazzjoni. Din ir-rabja lill-konvenuta jidher li qatt ma telqitha, u jidher li strahhet biss meta sseparat mill-attur, u fi kliemha stess hija baqghet mal-attur biss minhabba l-istess wild taghhom.

Illi tant kien kbir dan is-sentiment ta’ rabja lejn l-attur u ommha li apparti li dan affetwa negattivament ir-relazzjoni taghha mal-attur, jidher li dan effetwa psikologikament ukoll, tant li kellha ddur ghall kura ghad-dipressjoni li hija tghid li kellha matul iz-zwieg kollu, proprju minhabba l-presenza tal-attur.

Illi certament f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-istess partijiet kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga fil-kunsens moghti minnhom rispettivament u din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg kien hekk vizzjat u ghandhu jigi ddikjarat null skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi jidher li minhabba dan l-avveniment tat-tqala bikrija u qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet deciza ukoll li ma jkollhiex ulied ohra fiz-zwieg, u stante li l-prokreazzjoni tal-ulied hija wahda mill-elementi esssenzjali taz-zwieg, jidher ukoll li hemm lok li l-kunsens tal-konvenuta jigi ddkjarat li huwa vvizjat stante li eskuda elementi essenzjali taz-zwieg skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi hawn japplika dak li 'nghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) u cjoe':-

*"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mario Testa vs Louise Testa Polster"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) fejn inghad li:-

*"fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment*

*dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi f'dan il-kaz jirrizulta mill-provi prodotti li l-konvenuta tant hassitha li giet imwegga' mill-attur peress li harget tqila minnhu li jidher car li hija eskludiet li jkollha relazzjoni normali mal-attur ukoll ghall prokreazzjoni ta' ulied; fil-fatt iktar ma ghadda z-zmien lanqas biss kienet lesta li titolleraha l-presenza tal-attur f'hajjitha, *multo magis* li jkollha ulied minnhu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milquha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet kif fuq estensivament espost.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-22 ta' Gunju 1986 u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewgt partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------